

# (I) Luċjan Pullicino – Il-bniedem ta' kull staġun

## *Ħames snin minn mewtu*

**Kitba ta' Mro. Manoel Pirotta**
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL

Daħla: Għad li Luċjan Pullicino twieled Birkirkara, kien Ġiljaniż minn rasu sa saqajh. Eżatt malli l-familja tiegħu ġiet toqgħod San Ġiljan, mill-ewwel rabat qalbu ma' dan is-subborg marittimu u max-xbieha qaddisa ta' San Ġiljan. Il-Mulej għoġbu jisilfu ħajja twila li matulha Luċjan għaraf jisfruttaha bil-mod kif kien jaf hu għall-benefiċċju, mhux biss tiegħu u ta' dawk ta' madwaru, imma wkoll għall-Ġiljaniżi in ġenerali. Hawn min jista' ma jaqbilx ma' din id-dikjarazzjoni, imma jibqa' l-fatt li Luċjan, b'xi mod jew ieħor, irnexxielu jħallilna xi forma ta' patrimonju warajh. Għaldaqstant, fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju mill-mewt ta' dan il-kompajżan Ġiljaniż qed nagħti bidu għal din is-serje ta' artikli ta' xeħta bijografika bil-għan li nesponi kemm nista' mal-qarrejja ta' dan il-ktieb il-ħajja, il-ħidma u d-diversi talenti dilettanteski li kien jipposjedi dan il-bniedem xejn pretenzjuż li jiena nqisu ta' kull staġun.

Nieħu din l-okkażjoni biex niżżi ħajr lil Carmen (bint Luċjan) u Ġużi Taylor, lil Tony u Vince Perry, lil Charles u Marie-Therèse Axiaq, tal-informazzjoni siewja li għoġobhom jgħadduli biex stajt ninseġ il-ħajja mimlija u l-ħidma sfiqa ta' Luċjan Pullicino. Nirringrazzja wkoll, lil Niki Papagiorcopolo, il-bniedem responsabbli mill-arkivju ta' Lapsi, biex stajt naċċessa xi dokumenti u ritratti li jien ħassejt li huma ta' rilevanza fir-riċerka tiegħi.

Lil Luċjan qatt ma kont iltqajt miegħu qabel. Sirt nafu wara li jiena bil-familja tiegħi ġejna noqgħodu f'tarf San Ġiljan fl-ewwel sajf tal-millennju l-ġdid. Kien proprju s-Sur Karm Borg li ra kif għamel biex jintroduċini minnufih mal-komunità Ġiljaniża għax kien jaf bil-ġid li stajt noffri fil-qasam eduko-mużikali. Fis-sena 2002 biss għamilt sajf sħiħ ġej u sejjer għand Luċjan fi Triq Lapsi biex nirrekordja dak kollu li xtaq jgħidli. B'hekk, konna qattajna nofstanhari ta' filgħodu sħaħ fix-xhur sħan tas-sajf nitkellmu fuq ħafna affarijiet li kien għadda minnhom matul ħajtu, uħud minnhon sbieħ u ta' suċċess, u oħrajn anqas sbieħ u li b'xi mod ħallew xi forma ta' ferita, żgħira jew kbira, fil-qalb tal-ixwejjaħ Luċjan. Waqtiet konna nagħmlu pawża żgħira biex inbillu ftit griżmejna b'tazza ilma kiesħa u/jew induqu mill-benna ta' xi frotta friska li kienet ittellgħalna minn isfel martu Lora fil-bixkilla. Ir-rakkonti tiegħu bħal donnhom kienu jesprimu ħsus imħalltin, b'uħud minnhom mimlija b'arja ta' sodisfazzjon

u oħrajn li juru ir-rimors ta' bniedem li, fil-modestà tiegħu, ħidmietu mhux bilfors li dejjem kienet tiġi apprezzata biżżejjed, speċjalment f'raħlu. Minn dawn l-intervisti mbagħad nibtet forma ta' ħbiberija informali bejnietna li permezz tagħha sirna nafu xi ftit jew wisq 'l xulxin. Bqajna dejjem li, meta Luċjan jiġi nieqes, peress li hu diġà kien avvanzat sew fl-età, insellem il-memorja tiegħu permezz ta' kitbieti. F'dawn l-artikli għażilt li ndaħħal ukoll xi siltiet mill-poeżiji li hu stess kien kiteb. Dan għamiltu biex l-ewwel nett ix-xogħol jiġi aktar interessanti u attraenti, u t-tieni nett, biex ikun jista' jiġi mqassam aħjar f'kapitli differenti skont is-suġġett xi jkun. Is-siltiet li għażilt huma aktarx meħudin mill-poeżija awto-bijografika, *San Ġiljan, jien inħobbok!* (2002).



1. *Poeżija qiegħed nikteb,*
*Mingħajr ma nagħmel l-ebda ħsara,*
*Ġo San Ġiljan jiena ġejt noqgħod,*
*Ta' ħames snin minn Birkirkara.*

San Ġiljan, inħobbok Ħafna! (2002)

Sa tmiem l-ewwel żewġ deċenji tas-seklu l-ieħor f'San Ġiljan ma kinx hemm post fejn l-irġiel setgħu mqar jiltaqgħu u jgħaddu ftit tal-ħin liberu bejniethom u jbillu ftit griżmejhom wara ġurnata xogħol iebsa fuq il-baħar jew qalb l-għelieqi. Kien għadu post ta' villeġġjatura. Fis-sajf kien jimtela' bil-ħafna villeġġjanti għonja u kolti, akarx ġejjin min-naħa tal-ibliet il-kbar fosthom, il-Belt u l-Kottonera. Fix-xitwa mbagħad, jisfa battal ħlief għal xi ftit għexieren ta' raħħala li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu jkunu sajjieda u bdiewa, u bid-djar ta' familthom imdawrin qaqoċċa mal-knisja ta' Lapsi (il-parroċċa l-qadima).



Din kienet bejn wieħed u ieħor l-istampa tal-ħajja soċjali kif sabitha l-familja Pullicino meta ġiet toqgħod f'dan is-subborg marittimu fir-rebbiegħa tal-1927. Luċjan kien għadu daqsxejn ta' qrempuċu żgħir ta' madwar ħames snin, u li kien għadu kemm tilef 'il oħtu ż-żgħira, Manwela-Elena. Mat-telfa kbira ta' binthom iż-żgħira, Ġużeppi u Ċikka (Francesca), imwielda Borg, iddeċidew li jħallu Birkirkara fejn kienu jgħixu u jmorru joqogħdu f'dar ġdida fi Triq Lapsi bit-tama li, l-omm toħroġ minn din it-traġedja trawmatika.



Fattur determinanti ieħor li wassal lill-familja Pullicino biex tieħu din id-deċiżjoni drastika kien il-fatt li, Dun Pawl Galea, qassis ħabrieki u fundatur tad-*Domus*, għoġbu jsejjaħ lil ħu Luċjan biex jgħaqqadlu banda ġdida fuq parir li kien tah ċertu Gian Grech Duca minn Birkirkara. Dan kien ifisser li, ħuh Anġlu kien ried joqgħod ġej u sejjer bil-mixi minn Birkirkara biex jagħti l-lezzjonijiet tal-banda. Ċertu Ġiljan Grech ('Tal-Mugrin'), wieħed mill-bandisti tal-bidu, jirrakkonta li, mhux l-ewwel darba li kienu jmorru grupp ta' żgħażagħ bandisti jwassluh lura sa Birkirkara fit-tard billejl.[1] Luċjan jiftakar ukoll lil missieru jdaħħal pjanu fid-dar il-ġdida biex ħuh seta' jibda jitgħallem idoqqu u jkompli jikkomponi l-mużika. B'hekk, Anġlu ma kellux għalfejn joqgħod iterraq aktar bejn iż-żewġt irħula peress li issa kien ħafna eqreb tal-każin fejn kellha titwieled banda ġdida ġor-raħal. Iżda, għad li l-familja Pullicino issa kienet ġarret u marret toqgħod San Ġiljan, Anġlu xorta waħda baqa' jinżel raħal twelidu biex jagħti l-lezzjonijiet fil-każin tal-Bagri.

Il-familja ta' Luċjan kienet waħda kbira fejn il-ġenituri rabbew 'il uliedhom fil-għożża u fil-biża' t'Alla kif kienu jħobbu jagħmlu f'dawk iż-żminijiet, speċjalment fil-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija. Ġużeppi, missier Luċjan kien jaħdem għal rasu bħala mastrudaxxa.[2] Charles Axiaq[3] jiftaktar sewwa li, meta l-kuġini kienu għadhom tfal u jiltaqgħu d-dar ta' Lapsi, kienu joħorġu jilagħbu fil-ġnien daqshiex, filwaqt li, n-nanniet u z-zijiet kienu joqogħdu fil-kċina jpaċpċu bejniethom fuq xi banketti żgħar li kien ħadem Ġużeppi stess. Charles jiftakru wkoll, jilgħab bil-kelb li ħafna drabi kien jitla' jitħajjem f'ħoġor in-nanna Ċikka. Imma anki n-neputijiet, l-aħwa Tony, Rose-Marie Vince u Marlene, Charles, u Carmen, ta' spiss kienu jispiċċaw fuq ħoġorha! Fil-ġnien kellhom ukoll xi gallinari li fihom kienu jrabbu t-tiġieġ u l-fniek. Min-naħa tagħha, Carmen, bint Luċjan, tiftakar sewwa li, mhux l-ewwel darba li n-nanna Ċikka kienet tiġbor lin-nies madwarha biex jgħidu posta rużarju. L-istess bint tistqarr li, kemm missierha Luċjan, kif ukoll zijietha, kienu trabbew f'familja miġbura fejn it-talb jiġi l-ewwel u qabel kollox. Mhux ta' b'xejn għalhekk li, f'Birkirkara kienu jsibuhom bħala "Tat-Twajjeb"[4] jew "Tal-Umpajs"[5].



Luċjan kienu sebat aħwa, erba' subien u tlitt ibniet, li lkoll twieldu Birkirkara. Il-kbir fosthom kien jismu Karmnu, u warajh Anġlu (1904 – 1979), surmast tal-

banda. Imbagħad ġiet Salvina u Toni (Antonio) (? – 1952), li kien miet ħabta u sabta.[6] L-aħbar kerha kienet saħansitra dehret fil-fuljett 'Xaqq Dawl'[7] ta' Ġunju-Lulju 1952 – Ir-IV sena, nru.?[8] Warajhom twieldet oħthom Marija (c. 1914 – 1987)[9], imbagħad Giovanna (Ġannina, jew Ġanna) (c. 1915 – 2005). Luċjan twieled fil-5 ta' Marzu tal-1922 u miet fit-8 ta' Diċembru, 2012. Lil oħthom iż-żgħira, Manwela-Elena, ma tantx gawdewha wisq għax kif għedna, mietet qasir il-għomor fl-età ta' madwar tliet snin u nofs.

3. *Fi tfuliti dejjem sejjer,*
*Nilgħab, niċċajta u ferħan,*
*U ġo qalbi dejjem kelli,*
*Ix-xbieha sabiħa ta' San Ġiljan.*

San Ġiljan, inħobbok Ħafna! (2002)

Sa qabel ma skoppjat il-gwerra, nimmaġina li, Luċjan, bħal tfal oħra ta' mparu, laħaq attenda l-iskola elementari, u wara ħinha min jaf kemm lagħab ma' sħabu fl-għelieqi tal-madwar. Bla dubju ta' xejn, kien jattendi l-ħafna funzjonijiet tal-knisja peress li, l-parroċċa l-qadima kienet bieb u għatba mad-dar tagħhom. Kif jistqarr hu stess fil-poeżija, ftit ftit beda jinġibed lejn il-figura qaddisa ta' San Ġiljan u lejn l-istess raħal li jġib ismu. Tfarfar, u flimkien ma' żgħażagħ oħrajn ried jibda jgawdi l-festa tar-raħal u beda jinvolvi ruħu fl-organizzazzjoni tagħha bil-għan li jaraha tikber u ssir aktar sabiħa. Iżda, il-gwerra waqqfet ħesrem dan kollu u għal ħames snin sħaħ il-pajjiż kollu staġna minn kull ħidma.

Wara li spiċċat il-gwerra, feġġet il-qawsalla tal-paċi u l-affarijiet f'pajjiżna bdew ġejjin lura għan-normal. F'kull belt u raħal bdew jinbnew ċentri parrokkjali bis-swali u teatru magħhom, reġgħu bdew jinfetħu, jew jinfetħu swali ġodda taċ-ċinema, tal-ballu u divertimenti oħra. Twaqqfu għaqdiet ġodda reliġjużi, u oħrajn, fosthom, l-Azzjoni Kattolika, filwaqt li, oħrajn qodma reġgħu bdew jiffunzjonaw. Bdew jitwaqqfu wkoll ċentri ċiviċi, sportivi, u x'naf jien. In-nies riedet toħroġ mix-xeltrijiet mudlama u minflok tibda tiddeverti u taljena rasha biex tnessi l-kruhat li ġabet magħha l-gwerra. U f'kemm ilni ngħid, l-attività soċjali bdiet tirranka ruħha. Bini li kien iġġarraf b'qillet il-għadu, inħatt u nbena mill-ġdid u miegħu bdew telgħin binjiet oħra fi stil aktar modern fosthom, xi lukandi lussużi. Il-pajjiż u l-infrastruttura tiegħu bdew iqumu ftit ftit fuq saqajhom. Dan kien il-bidu ta' rebbiegħa ġdida għal Malta. Ma setax jonqos li, is-subborg ta' San Ġiljan ma jinħakimx ukoll minn din il-mewġa ġdida.



Fl-1949, Luċjan iżżewweġ lil Giovanna[10], imwielda Sammut, li kienet minn Tas-Sliema. Il-koppja ngħaqdet fis-sagrament taż-żwieġ b'quddiesa li saret fil-knisja tas-*Sacro Cuor*. (Fir-ritratt tal-ġenb: ritratt tat-tieġ meħud għand Vella Studios. Jidher ukoll, Tony Perry għadu

tfal bħala wieħed miż-żewġ paġġi.) Huma marru joqogħdu fi Triq Manwel Dimech (*Prince of Wales*) Tas-Sliema fuq il-loġoġ fl-istess dar fejn kienu jgħixu l-ġenituri tagħha. Minn dan iż-żwieġ, Luċjan kellu bint waħda, Carmen. Iżda, dan iż-żwieġ ma kellux ħajja twila peress li Giovanna mietet qasir il-għomor fl-età ta' ħamsa u għoxrin sena. Mal-mewt ta' martu, Luċjan, flimkien ma' bintu għadha tista' tgħid tarbija, reġa' lura fid-dar tal-ġenituri tiegħu[11].



Carmen, li trabbiet l-aktar ma' zijietha Anġlu, Toni (li kien joħroġ idur bil-poni jbigħ il-ħwejjeġ), u Salvina, tiftakar xi ħaġa żgħira ħafna minn dak il-jum li fih mietet in-nanna Ċikka (c. 1950); kienu meddew il-katavru tax-xwejħa fuq erba' strippi fil-kamra tas-sodda ta' barra fejn hemm il-gallerija li tagħti għal Triq Lapsi. Kienet drawwa superstizzjuża li, meta jmut xi ħadd jaqilgħu l-pumi u jgħattu l-mirja.[12] Dak biss li tiftakar minnha. Lil nannuha, missier Luċjan, ma tiftakrux – wisq probabbli li miet qabel ma hi twieldet fl-1947. Wara xi snin armel, Luċjan iżżewweġ lit-tieni mara tiegħu, Lorenza (Lora), imwielda Galea (? – 2016). (Ritratt tal-ġenb: fl-1968, zijuha Anġlu kien kiteb marċ brijuż u semmieh għaliha. Dak iż-żmien, Carmen kellha wieħed u għoxrin sena.)



Skont rapport li deher reċentament fil-*Malta Independent*, Luċjan għamel xi żmien jaħdem fis-servizz.[13] Iżda, mil-lista ta' *Personalia Ġiljaniża* (II) li kien ġabar Dun Anton Sciberras insibu li, Luċjan 'kien ħaddiem ħabrieki, dejjem għal rasu.' Skont Vince Perry[14] ukoll, 'ħafna drabi Luċjan kien joħroġ għax-xogħol għax ibigħ il-ħwejjeġ'. Dan it-tagħrif huwa kkorroborat minn Ġużi Taylor[15] li skontu, Luċjan kien ibigħ il-ħwejjeġ li ħuh Anġlu kien iġiblu mingħand sieħbu Johnny, Indjan li kien jaħdem għand *Gopaldas*, il-Belt Valletta. Skont bintu Carmen ukoll, missierha 'kellu *business* tal-ħwejjeġ'[16] flimkien ma' zijuha Anġlu li kien jagħmlilha speċi ta' *accountant*. (Fir-ritratt: Giovanna, omm Carmen, b'dik it-tbissima ħelwa fuq fommha, tidher bil-labar f'idejha qiegħda tinnittja s-suf.)

Fil-ħin ħieles tiegħu mbagħad, Luċjan kien isib ħin għal kollox u kien imidd għonqu għal dak kollu li kien jiġi għal idejh, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol manwali, bħalma hu tiżbigħ, xi tqegħid ta' madum, u xi ftit ukoll ġardinaġġ fid-dar tiegħu stess. Kien bniedem ma jafx ma jagħmel xejn. Ħafna drabi, dan kollu kien jagħmlu għax f'qalbu dejjem kellu mħabba kbira lejn San Ġiljan u għal pajjiżu stess li jġib l-istess isem tal-Qaddis. Luċjan tista' tgħid, kien jiddelitta b'kollox u ħajtu kollha kien jara x'ser jivvinta biex ikun ta' servizz fil-komunità Ġiljaniża permezz tal-kreattività dilettanteska tiegħu. Kien jaf idoqq, jirreċta, jidderieġi t-teatrin, il-kor u l-orkestrina tal-A.K., ipenġi, jiskultura, jikteb id-drammi u radju-drammi, u jħażżeż xi poeżija jew tnejn. Barra minn hekk, kien membru attiv ħafna

fl-Azzjoni Kattolika[17] sa mit-twaqqif tagħha, u għamel żmien fil-kumitat tal-banda tal-lokal u dak tal-festa. Kien bniedem ukoll sportiv peress li kien jilgħab il-futbol u jissapportja t-tim tal-*waterpolo*, saħansitra kaptan ta' tim tal-boċċi. Bħala delizzji mbagħad, kien iħobb ħafna s-sajd u l-kaċċa. Il-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ma naqsitx ukoll, speċjalment matul is-snin li nbniet il-knisja l-ġdida fis-snin ta' wara l-gwerra. Kien għen qatigħ lill-Kappillan Dun Guido Calleja fil-fieri biex minnhom jinġabru fondi għall-bini tagħha.



Anki fi xjuħitu stess, Luċjan kien iqatta' parti kbira mill-ħin tiegħu jikteb u jirrekordja drammi reliġjużi fosthom, il-ġrajja ta' San Ġiljan. Uħud minn dawn id-drammi saħansitra ġew irrekordjati fuq diski kumpatti u l-bejgħ tagħhom mar għall-karità. Luċjan kien jafda ħafna fil-kobor t'Alla u ddedika ħajtu għall-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Kien jemmen ukoll li, f'ħajtu ra ħafna mirakli jseħħu quddiemu. Il-ħidma sfiqa tiegħu fi ħdan il-lokalità li kien jgħix fiha sa fl-aħħar ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill Lokali wara li ngħata l-premju tant mistħoqq ta' Ġieħ San Ġiljan. Lejn l-aħħar ta' ħajtu, Luċjan kien beda jibża' li, dak kollu li kien jaf fuq raħlu għad jintilef kollu meta jiġi biex iħalli din id-dinja. Huwa miet fir-residenza ta' San Vinċenz de Paule u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Fortunatament iżda, ilħaqt intervistajt lil Luċjan f'aktar minn okkażjoni waħda u li fihom tkellimna fit-tul fuq diversi suġġetti b'rabta ma' familtu u pajjiżu. Din is-serje t'artikli hija testimonjanza tal-ħidma tiegħu u l-patrimonju Ġiljanesk li ħalla warajh.

F'dan l-artiklu tajna ħarsa pjuttost estensiva lejn il-persuna ta' Luċjan Pullicino mil-lat bijografiku. L-artiklu tas-sena d-dieħla ser ikun qed jittratta d-delizzju tal-kaċċa li minn dejjem kien ħafna għal qalb il-Ġiljaniżi, u mhux l-anqas ukoll ta' Luċjan u tal-Qaddis Patrun li tant kien jgħożż u jħobb. Delizzju ieħor minn tiegħu kien dak tas-sajd. Fih ser nitkellmu wkoll fuq xi sport li kien jiprattika Luċjan fil-ħin liberu tiegħu fosthom, il-futbol u l-logħob tal-boċċi, u ieħor li kien iħobb jissapportja – dak tal-*waterpolo*. Fl-artiklu ma jonqsux ukoll, xi siltiet rilevanti mill-poeżiji tiegħu.

Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Ġiljaniżi għal żewġ raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġiljan li qed tiġi ċċelebrata ġewwa r-raħal li jġib l-istess isem; (b) fl-okkażjoni ta'għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

**Referenzi**

[1] "Kull filgħaxija kulħadd kien jinġabar il-Mużew, u f'xil-11:30 ta' billejl konna mmorru grupp nwasslu lis-Surmast Pullicino sa Birkirkara." Silta minn intervista li kienet saret lil Ġiljan Grech bħala rappreżentant 'Tal-Mugrin'. (Għeluq il-50 sena mill-Banda San Ġiljan - 1927-1977 - Programm tal-okkażjoni.)

[2] Skont Charles Axiaq, Ġużeppi l-missier qatt ma mar il-Belt biex jisma' 'l ibnu Anġlu meta kien għadu jdoqq

mal-*King's Own* peress li kien jibqa' jaħdem sa tard filgħaxija. Minflok, Charles ġieli mar biex jisma' lil zijuh idoqq flimkien ma' nanntu Marija. Madankollu, missier Anġlu kemm-il darba kien jinżel sal-każin ta' San Ġiljan biex jarah waqt il-provi għax kien kburi ħafna bih. Għal kuntrarju, in-nanna Ċikka qatt ma resqet 'l hemmhekk peress li kellha persuntha pjuttost qawwija u l-mixi ma kinx tajjeb għaliha. It-triq fejn kienu joqogħdu kienet wieqfa ħafna u dan il-fatt forsi kien jaqtagħlha xi ftit qalbha.

[3] Iz-ziju Luċjan jiġi ħu ommu Marija.

[4] Ħanin, tal-knisja; ta' qalbu f'idu.

[5] Il-laqam għandu wkoll konnotazzjonijiet mużikali, jiġifieri, um = *oom*, u pa(js) = *pah*. Dan huwa ekwivalenti għat-taqsim ta' taħbita f'semiminima, waħda 'l isfel u l-oħra 'l fuq.

[6] Minn intervista li kienet saret lil Ġużi u Carmen Taylor fir-residenza tagħhom stess fis-26 ta' Settembru 2006.

[7] 'Xaqq Dawl' kien l-isem ta' Bulettin għall-imseħbin u għall-benefatturi taċ-Ċirkolu, u kien jinħareġ mill-Ġuvintur taċ-Ċirkolu Sant'Antnin, Azzjoni Kattolika, San Ġiljan taħt id-direzzjoni ta' c/o 151, St. *George's Road*, San Ġiljan bejn Mejju 1949 u Settembru 1955. L-isem ta' dan il-folju kien ingħata mill-ogħla poeta Malti u patrijott kbir, l-Ill.mu. u Rev.mu. Mons. Dun Karm Psaila D. Litt.' (Ara editorjal ta' 'Xaqq Dawl' Ġunju 1949 – L-I sena, Nru. 2.)

[8] "R.I.P.: B'dispjaċir kbir irċevejna l-aħbar tal-mewt tas-Sur Toni Pullicino li ġrat nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju wara marda qasira. Is-Sur Toni Pullicino huwa ħu l-ħabrieki membru tal-A.K. Luċjano ..."

[9] Toni Axiaq u Marija, imwielda Pullicino, iltaqgħu flimkien meta l-familja Pullicino kienet ġiet toqgħod San Ġiljan.

[10] Skont Carmen, ommha kienet kapolavur fl-innittjar tas-suf.

[11] Tony Perry ma jiftakarx li, n-nannu Ġużeppi kinx għadu ħaj sa dak iż-żmien.

[12] Dari kienu jibżgħu li, jekk ma jitgħattewx il-mirja tad-dar fejn kien jgħix il-mejjet, ruħu setgħet tiġi riflessa fihom bil-konsegwenza li, din setgħet tieħu magħha lil dawk li jkun hemm jgħixu magħha d-dar. Fil-każ tal-pumi, dawn kienu jitneħħew minn mal-bibien fil-perjodu ta' luttu li fih in-nisa kienu joqogħdu ġewwa għal erbgħin jum. Fil-każ tal-irġiel, sebat ijiem.

[13] *Malta Independent* (1 ta' Awwissu 2011) li jġib l-isem ta' *90 Years of St. Julian's history.*

[14] Minn intervista li saritlu fid-dar tiegħu stess nhar it-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006. Vince jiġi prim kuġin ta' Carmen.

[15] Ibid, nru. 6.

[16] Ibid, nru. 6.

[17] Il-fergħat tal-Ġuvintur u l-Irġiel ġo San Ġiljan kienu nbdew it-tnejn mill-Kappillan Anton Debono fid-9 ta' Ottubru, 1949.


Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Mużikali Spinola
jawguraw u jifirħu
ma'

**Rev. Julian Cassar**
u
**Rev. Tony Agius**

fl-okkażjoni
tal-40 u l-50 sena
mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom
rispettivament.